

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' protezzjoni kontra l-intervent arbitrariju tal-Kummissjoni minħabba l-fatt tal-esklużjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-kumpanniji tal-ajru li ħadu sehem fil-prattiki. Dan il-motiv huwa kompost minn żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti, ibbażata fuq l-argument li jgħid li l-esklużjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-kumpanniji li ħadu parti fil-prattiki tkun ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni;
 - It-tieni parti, ibbażata fuq l-argument li jgħid li l-esklużjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-kumpanniji li ħadu sehem fil-prattiki tkun ivvizzjata minn ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni u tal-prinċipju ta' protezzjoni kontra l-intervent arbitrariju tal-Kummissjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tar-regoli li jiddelimitaw il-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni, li ttwettaq minħabba l-integrazzjoni tat-traffiku *inbound* ŻEE fil-ksur uniku u li jkompli. Dan il-motiv huwa mqassam f'żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-prattiki relatati mat-traffiku *inbound* ŻEE ma ġewx implementati fi ħdan iż-ŻEE;
 - It-tieni parti: il-Kummissjoni ma stabbilietx l-eżistenza tal-effetti kklassifikati fi ħdan iż-ŻEE marbutin mal-prattiki relatati mat-traffiku *inbound* ŻEE.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-kuntradizzjoni tal-motivi u tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni li jivvizzjaw il-konstatazzjoni li tgħid li r-rifjut li jiġi kkummissjonat lill-burdnara jikkostitwixxi element separat tal-ksur uniku u li jkompli. Dan il-motiv huwa kompost f'żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti li tgħid li l-imsemmija konstatazzjoni hija vvizzjata minn kuntradizzjoni tal-motivi;
 - It-tieni parti li tgħid li l-imsemmija konstatazzjoni hija vvizzjata minn iżball manifest ta' evalwazzjoni.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq in-natura żbaljata tal-valuri tal-bejgħ meħudin inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa ta' Air France u li jinqasam f'żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti bbażata fuq il-fatt li l-integrazzjoni tat-tariffi fil-valur tal-bejgħ jibbaża fuq kuntradizzjoni tal-motivi, diversi żbalji tad-dritt u iżball manifest ta' evalwazzjoni;
 - It-tieni parti bbażata fuq il-fatt li l-integrazzjoni ta' 50 % tad-dħul *inbound* ŻEE fil-valuri tal-bejgħ jikser il-linji gwida fuq il-kalkolu tal-multi tal-2006 u l-prinċipju *non bis in idem*.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-gravità tal-ksur, u kompost minn żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti bbażata fuq l-argument li jgħid li s-sopravalutazzjoni tal-gravità tal-prattiki jibbaża fuq diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità tal-pieni u ta' ugwaljanza fit-trattament;
 - It-tieni parti bbażata fuq l-argument li jgħid li s-sopravalutazzjoni tal-gravità tal-prattiki jirriżulta mill-inklużjoni fil-perimetru tal-ksur ta' kuntatti dwar il-prattiki implementati barra miż-ŻEE bi ksur tar-regoli ta' kompetenza territorjali tal-Kummissjoni.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq in-natura żbaljata tal-kalkolu tat-tul tal-ksur.
8. It-tmien motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni u tal-insuffiċjenza tat-tnaqqis ta' 15 % mogħti mill-Kummissjoni abbażi tas-sistemi regolatorji.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2017 – SQ vs BEI

(Kawża T-377/17)

(2017/C 277/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: SQ (rappreżentanti: N. Cambonie u P. Walter, avukati)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investment

Talbiet

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-President ikkonkluda b'mod żbaljat, l-ewwel nett li l-prattiċi implementati mid-Direttur tal-Komunikazzjoni kontra r-rikorrenti, li huma msemmija fil-punti 20 sa 24, 25, 31, 34, 46, 50 u 51 tar-rapport, ma kienux jikkostitwixxu prattiċi ta' fastidju psikoloġiku, it-tieni nett, li ma kienx hemm lok li tinfetħ il-proċedura dixxiplinari kontra l-imsemmi Direttur u, it-tielet nett, li d-deċiżjoni kkontestata li tikkonstata li r-rikorrenti kienet vittma ta' fastidju psikoloġiku għandha tibqa' strettament kunfidenzjali;
- tikkundanna lill-BEI jikkumpensaha, minħabba, l-ewwel nett, id-dannu morali li sofriet bħala konsegwenza tal-prattiċi ta' fastidju psikoloġiku tad-Direttur tal-Komunikazzjoni kkonstatati fid-deċiżjoni kkontestata u sabiex tingħatalha għalhekk is-somma ta' EUR 121 992 (mija u wieħed u għoxrin elf disa' mija u tnejn u disgħin), it-tieni nett, id-dannu morali li sofriet u li ma huwiex separabbli mill-illegalità li hija l-bażi tal-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata u sabiex tingħatalha għalhekk is-somma ta' EUR 25 000 (ħamsa u għoxrin elf) u, it-tielet nett, id-dannu morali li jirriżulta, minn naħa, mill-ksur mid-Direttur Ġenerali tal-Persunal tal-indipendenza tal-proċedura ta' sinjalament immexxija mid-Direttur tal-Konformità u, min-naħa l-oħra, mill-att ta' intimidazzjoni jew ta' theddid ta' ritaljazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal kontra r-rikorrenti u sabiex tingħatalha għalhekk is-somma ta' EUR 25 000 (ħamsa u għoxrin elf);
- tikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fil-kwalifikazzjoni ta' ċerti prattiċi kkritikati mir-rikorrenti li hija vvizzjata bihom id-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) tal-20 ta' Marzu 2017 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”). Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti, bbażata fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kundizzjoni li l-atti ta' fastidju psikoloġiku għandhom ikunu repetitivi;
 - It-tieni parti, ibbażata fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li tirriżulta mill-fatt li ċerti prattiċi kkritikati kienu oġġettivament ta' natura li jimminaw il-kunfidenza personali u l-istima personali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żbalji marbuta mal-assenza ta' ftuħ ta' proċedura dixxiplinari, u li huwa magħmul minn żewġ partijiet:
 - L-ewwel parti, imqajjma, prinċipalment, ibbażata fuq żball ta' dritt;
 - It-tieni parti, imqajjma sussidjarjament, ibbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u/jew ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji ta' dritt u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-obbligu impost fuq ir-rikorrenti li żżomm kunfidenzjali d-deċiżjoni kkontestata skont liema hija kienet vittma ta' fastidju psikoloġiku min-naħa tad-Direttur tal-Komunikazzjoni.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 – Dalli vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-399/17)**

(2017/C 277/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: John Dalli (San Ġiljan, Malta) (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea